GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

Heritage Malta

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-ISKEJJEL PRIMARJI GĦAS-SENA 2023/2024

Dawn il-programmi edukattivi jibdew fid-9.30 u jispiċċaw fin-12.30. Għal dawn l-attivitajiet qed naċċettaw massimu ta' 30 student f'kull grupp (eskluż P09 – Il-Parata, 60 student).

Għal kull programm tematiku tingħabar donazzjoni minn kull student skont kif indikat fid-dettalji tal-programmi sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat. Il-lingwa prinċipali ta' dawn il-programmi edukattivi hija l-Malti però uħud minn dawn il-programmi jistgħu jsiru ukoll bl-Ingliż (eskluż P14 – Ġmiel il-Ħrafa li huwa programm marbut speċifikament mal-lingwa Maltija). Sabiex tibbukkja dawn il-programmi edukattivi ikklikkja fuq dan il-link: https://schoolbooking.heritagemalta.mt/thematic-events/. Il-*booking* tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta.

Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Heritage Malta fuq **education.heritagemalta@heritagemalta.org**.

Is-siti huma aċċessibbli ħlief għall-Palazz tal-Inkwiżitur, fil-Birgu.

**Attenzjoni**: Parteċipanti b'allerġiji għall-ikel. Jekk jogħġbok kun konxju li f'dan il-programm tematiku l-ikel tagħna jista' jkun fih jew jiġi f'kuntatt ma' allerġeni komuni, bħal ħalib, bajd, qamħ, fażola tas-sojja, ġewż tas-siġar, karawett, u ħut.

Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-uffiċjali ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti.

| Attività | Deskrizzjoni Qasira | Sena | Rabta mal-Kurrikulu | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **P04-23/24 Il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid f'kuntest Ewropew**<br><br>**(3 Euro)** | Programm marbut tan-network Ewropew taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir. F'dan il-programm, l-istudenti jiskopru aktar dwar dawn it-tradizzjonijiet reliġjuzi kif ukoll jippreparaw ikel marbut ma' dawn l-attivitajiet.<br><br>*** Attenzjoni: Allerġeni** | Is-6 Sena | Studji Soċjali | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 11, 12 t'Ottubru 2023 |
| **P05-23/24 Drawwiet u Tradizzjonijiet marbuta ma' Novembru**<br><br>**(3 Euro)** | Il-programm edukattiv jinkludi żjara fil-kċina tal-Palazz tal-Inkwiżitur fejn tingħata spjegazzjoni dwar il-preparazzjoni tal-ikel. Dan il-*workshop* jinkludi sessjoni ta' tisjir tal-għadam tal-mejtin, ħelu tradizzjonali li jiġi ppreparat matul dan iż-żmien. Il-tfal ikunu jistgħu jilgħabu logħba tradizzjonali marbuta ma' din it-tema.<br><br>*** Attenzjoni: Allerġeni** | Il-5 Sena | Malti: 5.1.3, 5.1.4, 5.2.1, 5.2.2, 5.2.4, 5.3.4.<br>Studji Soċjali: L-Ambjent Storiku: 5.1, 5.2. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 23, 24, 25, 26, 27 t'Ottubru 2023 |
| **P06-23/24 Muża u Immaġinazzjoni fit-Tempji**<br><br>**(1 Euro)** | Matul dan il-programm edukattiv l-istudenti ikunu jistgħu jiżviluppaw l-immaġinazzjoni permezz tal-kitba ta' storja ambjentata fit-Tempji. Il-programm jinkludi attività marbuta mal-arti preistorika. | Ir-4 Sena | Malti: 4.4.1, 4.4.3, 4.4.4.<br>Arti: 4.2.1, 4.2.3<br>Ingliż: 4.3.8, 4.3.9, 4.3.15, 4.3.16. | It-Tempji ta' Ħal Tarxien, Ħal Tarxien. | 22, 23, 29, 30 ta' Novembru 2023 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **P07-23/24 Tradizzjonijiet tal-Milied**<br><br>**(3 Euro)** | Dan il-programm jibda bi żjara tal-wirja permanenti dwar it-tradizzjonijiet tal-Milied f'Malta, u jinkludi wkoll *workshop* dwar il-preparazzjoni u tisjir tal-pudina tal-ħobż. L-istudenti ser ikollhom il-possibbiltà li joħolqu presepju żgħir.<br><br>*** Attenzjoni: Allerġeni** | Is-6 Sena | Reliġjon: 4.1, 4.2, 4.3, 4.4, 4.5, 4.6.<br>Malti: 6.1.1, 6.1.2, 6.1.4, 6.2.1, 6.2.2, 6.2.3.<br>Arti: 6.3.1. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 7, 11, 12, 14, 15 ta' Diċembru 2023 |
| **P08-23/24 X'inhi l-Enerġija**<br><br>**(1 Euro)** | Permezz tal-użu t'eżempji mill-Mużew tal-Istorja Naturali, l-istudenti se jiskopru *producers*, *consumers*, predaturi, priża u enerġija li jiċċaqalqu fil-ktajjen tal-ikel. Huma jkunu jistgħu jispjegaw li x-xemx hija s-sors primarju tal-enerġija, kif l-enerġija tiġi trasferita minn pjanti jew annimali għal annimali oħra f'katina tal-ikel u li jfasslu u jimmarkaw katina tal-ikel sempliċi. | Ir-4 Sena | Xjenza<br>LO 5 - 4.5.1 - 4.5.3 | Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, l-Imdina. | 29, 30, 31 ta' Jannar 2024,<br><br>1,2 ta' Frar 2024 |
| **P09-23/24 Wieħed, Tnejn, Tlieta… niżfnu l-Parata**<br><br>**(Mingħajr ħlas)** | Gwida animata tal-Birgu ta' żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565 u spjega tar-rabta taż-żifna tradizzjonali tal-Parata mal-istess Assedju. L-istudenti jieħdu sehem ukoll f'*workshop* dwar l-istess żifna. | It-3 Sena | Edukazzjoni Fiżika: Żfin Edukattiv<br>Malti: Sezzjoni 3,8,9. Is-smigħ fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura, Sezzjoni 1,2,3,4,5,8,9,10,11. | Il-*Collacchio* u Pjazza Vittorja, il-Birgu. | 5, 6, 7, 8 ta' Frar 2024. |
| **P10-23/24 Mix-Xekel għall-Ewro; l-Istorja tal-Muniti fil-Gżejjer Maltin**<br><br>**(1 Euro)** | Dan il-programm edukattiv jixħet dawl fuq l-istorja tan-numismatika tal-Gżejjer Maltin b'rabta mal-wirja li tinsab fil-Mużew tal-Arkeoloġija. F'dan il-programm l-istudenti ser ikollhom ċans jagħmlu attivitajiet marbuta mal-arti, l-istorja u l-matematika. | Il-5 Sena | Arti<br>Matematika<br>Studji Soċjali | Il-Mużew tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta | 19, 20, 21, 22, 23 ta' Frar 2024 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **P11-23/24**<br>**Ħlejjaq**<br>**li jgħixu madwarna (Għasafar)**<br><br>**(1 Euro)** | Programm t'attivitajiet li jintroduċu lit-tfal mal-ambjent naturali b'enfasi fuq l-għasafar li nsibu fil-Gżejjer Maltin. | L-1 Sena | Żvilupp Intellettwali: Smigħ ta' stejjer, Nesploraw id-dinja li ngħixu fiha, Tagħżel u tikklassifika, Isaqsu mistoqsijiet, Osservazzjoni, Kreattività fl-arti. | Il-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali, l-Imdina. | 4, 5, 6, 7, 8 ta' Marzu 2024 |
| **P12-23/24**<br>**Induqu l-Ħelu tal-Għid!**<br><br>**(3 Euro)** | Ħarsa lejn it-tradizzjonijiet Maltin tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir. Minbarra spjega tal-wirja permanenti, l-istudenti jkollhom workshop dwar il-ħelu tradizzjonali.<br><br>*** Attenzjoni: Allerġeni** | Ir-4 Sena | Malti: 4.1.1, 4.1.3, 4.1.4, 4.2.4.<br>Studji Soċjali: Ambjent Storiku: 4.3.1, 4.3.2, 4.3.3, 4.3.4. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 20, 21, 22, 25, 26 ta' Marzu, 2024 |
| **P13-23/24**<br>**Ġnien Dinja Waħda**<br><br>**(1 Euro)** | Dan il-programm edukattiv jiffoka fuq l-ambjent naturali ta' Għar Dalam. Tingħata attenzjoni partikolari lill-annimali u insetti li jgħixu hawnhekk kif ukoll il-pjanti u l-ekosistema tal-vaska fi Ġnien Dinja Waħda. | Is-6 Sena | Xjenza<br>Arti | Għar Dalam, Birżebbuġa | 15, 16, 17, 18, 19 t'April 2024 |
| **P14-23/24**<br>**Ġmiel il-Ħrafa**<br><br>**(3 Euro)** | Ħarsa lejn l-importanza tal-ħrejjef Maltin. L-istudenti jieħdu sehem f'attività marbuta mal-ikel tradizzjoni li jissemma fl-istess ħrafa li tkun animata minn attur.<br><br>*** Attenzjoni: Allerġeni** | It-2 Sena | Malti: 2.1.2, 2.1.4, 2.2.2, 2.2.3.<br>Studji Soċjali: Ambjent Storiku: 2.4.1, 2.4.2, 2.4.3. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 22, 23, 24, 25, 26 t'April 2024 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **P15-23/24 Matematika fil-Katakombi Rumani**<br><br>**(1 Euro)** | Dan il-programm edukattiv jiffoka fuq is-sistemi tal-għadd u l-kejl ta' żmien ir-Rumani u r-rifless tagħhom fil-matematika li nħaddmu llum. Tingħata attenzjoni partikolari lis-simetrija permezz ta' workshop dwar l-arti tal-mużajk. Jingħata wkoll tour tas-sit u l-istudenti jkunu jistgħu jżuru l-katakombi. | It-3 Sena | Il-Matematika; Taqsimiet A.3.7, B.3.1, B.3.2, G.3.2, G.3.3, J.3.4, L.3.1, L.3.2 | Il-Katakombi ta' San Pawl, ir-Rabat. | 14, 15, 16, 17, 21 ta' Mejju 2024 |
| **P16-23/24 Induqu l-Ftira Maltija**<br><br>**(3 Euro)** | Dan il-programm edukattiv jiffoka fuq il-ftira, ikel tradizzjonali Malti li sar parti mill- Wirt Intanġibbli tal-UNESCO. Waqt dan il-programm l-istudenti jaraw kif tingħaġen il-ftira kif ukoll se jħawruwa u jikluha kif jixtiequ.<br><br>*** Attenzjoni: Allerġeni** | Is-6 Sena | Malti<br>Xjenza | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 10, 11, 12, 13, 14 ta' Ġunju 2024 |